MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2001

Avviz Numru. 1259/2000/1

**Avviz Nru:- 1259/00**

**Valhmor Borg Import Export Limited**

**vs**

**Paul Mackay**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta’ mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin, u sitta u hamsin centezmi (Lm275.56), rapprezentanti l-prezz ta’ diversi konsenji ta’ prodotti tal-ikel ghall-konsum lilu mibjugh u konsenjati, flimkien mal-imghaxijiat legali dekorribbli mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-15 ta’ Jannar 2000, tal-mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju u tal-

ittra ufficjali ghall-sejha ta’ depozitu illi gew intavolati kontestwalment mal-avviz, bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti semghet bil-gurament ix-xhieda prodotta mill-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma, u;

Ghaldaqstant qeghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi, is-somma mitluba ta’ mitejn u hamsa u sebghin lira maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm275.56) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mit-13 ta’ Settembru 2000, u;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------